**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju 2021

Rikors Numru: 175/2020 AL

**A B**

**vs**

**C D E,**

**F G H B, u**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*ILLI, l-intimata C D E u F G H B izzewgu fl-10 ta' Ottubru 1993, u sseparaw permezz ta' Att ta' Separazzjoni Personali in Atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana tal-5 ta' Awwissu 2014 (Anness u mmarkat bhala Dok A);*

[1] Fol. 1.

*ILLI, l-imsemmija intimate C D E u F G H B bdew jghixu hajja de facto separata minn xulxin mis-sena 1995, hekk kif jirrizulta mid-dikkjarazzjoni fl-imsemmi kuntratt ta' Separazzjoni Personali;*

*ILLI, fit-18 ta' Jannar 1997 twieled lill-intimata C D E tifel, A (ir-rikorrenti) kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok B;*

*ILLI, l-minuri twieled minn relazzjoni li l-atrici kellha ma terx li l-identita tieghu mhix maghrufa;*

*ILLI, dan jista' jigi kkonfermat minn dikjarazzjonijiet, anki guramentati li saru in atti tal-proceduri Rik. Nru.: 324/2014RGM, fl-ismijiet F G H B vs C D B, deciza fl-20 ta' Novembru 2014 (Sentenza annessa u mmrkata Dok C);*

*ILLI, l-intimat F G H B qatt ma ezercita l-poteri ta' genitor fil-konfront tar-rikorrenti;*

*ILLI, ghalhekk l-esponenti ghandu interess illi jipprosegwi b'kawza ad hoc biex hu ma jibqax maghruf bhala iben F G H B u jsir maghruf bhala iben missier mhux maghruf;*

*ILLI, dan jsta' jigi wkoll pprovat b'testijiet genetici appoziti;*

*Ghaldaqstantm tenut kont tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob illi din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut F G H B ma huwiex il-missier naturali tar-rikorrenti;*

2. *Titlob l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti A B certifikat numru elf u iehed u erbghin tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1041/1997) sabiex il-paternita' tieghu tigi korrettament rispekkjata fl-istess att bili fil-kolonna fejn jinstabu mnizzlin il-konnotati tal-konvenut F G H B, jigu sostitwiti b' 'missier mhux maghruf';*

3. *Titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid ta' A B;*

4. *Titlob li r-rikorrenti jkun magħruf bil-kunjom 'E'.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma min issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament ir-rikorrent jrid jegħleb l-presunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament għal din l-Onorabbli Qorti jiġi ppruvat li l-pussess ta' stat tiegħu ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi stante tali proċeduri jitrattaw denegata paternita', l-attur sussegwentament jeħtieġlu illi jipprova u jissodisfa waħda mir-rekwiziti li jelenka Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili u f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru testijiet ġenetiċi, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni u jirrimetti ruħu għar-rizultanzi istruttorji;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi għandu jiġi ukoll deċiz b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi r-rikorrent;*

5. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjez tal-kawza istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[2] Fol. 20.

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa jiġu ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C D E,[3] fejn eċċepiet:

1. *Illi l-esponenti tammetti u tikkonferma li l-attur ma huwiex il-wild naturali ta' F G H B;*

2. *Illi l-esponenti u l-konvenut l-iehor F G H B kienu ilhom de facto separati ms-sena 1995 u qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

3. *Illi l-konvenut F G H B qatt ma ezercita' ebda' poteri ta' genitor fil-konfront tal-attur u qatt ma gie rikonoxxut minnu bhala ibnu u dan jirrizulta ampjament mill-kuntratt ta' separazzjoni personali kuntrattat bejn l-istess esponenti u l-konvenut F G H B datat hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana li huwa ezebit u mmarkat bhala Dokument A fir-rikors promotur;*

4. *Illi salv ghal suespost l-esponenti ma hijiex qed topponi ghat-talbiet tal-attur;*

5. *Illi l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat illi l-konvenut F G H B ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar id-9 ta' Novembru 2020,[4] u pprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu nhar l-24 ta' Diċembru 2020.[5] Madanakollu fl-ewwel udjenza ta' nhar is-7 ta' Jannar 2021,[6] il-Qorti rat illi l-konvenut pprezenta r-risposta tiegħu tardivament u b'hekk ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;

---

[3] Fol. 30.
[4] Fol. 16.
[5] Fol. 25.
[6] Fol. 32.

Rat l-Att tat-Twelid tal-attur A B, bin-numru progressiv 1041 tas-sena 1997;[7]

Rat kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni personali bejn F G H B u C D B, data 5 ta' Awwissu 2014, li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Silvana Borg Caruana;[8]

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, izda diversament presjeduta, ta' nhar il-20 ta' Novembru 2014, rigward id-divorzju bejn F G H B u C D B;[9]

Rat in-nota maħlufa minn Dr Marisa Cassar datata 10 ta' Marzu 2021,[10] fejn ġie anness ir-rapport xjentifiku rigward il-paternita' ta' A B, redatt minnha stess fejn ġie kkonfermat illi F G H B ma huwiex il-missier naturali tal-attur A B;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-11 ta' Mejju 2021, ġie ddikjarat illi l-attur għandu x-xewqa li jassumi kunjom ommu u ċjoe' *'E'*;[11]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[12]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

L-attur A B intavola azzjoni abbazi tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, bħala persuna kkwalifikata li għandha kull interess li jibda azzjoni ta' *denagata paternita'*, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi huwa iben missier mhux magħruf u ma jibqgħax imnizzel bħala iben il-konvenut F G H B. Magħdud ma' dan, l-attur jitlob ukoll lil-Qorti sabiex tordna li jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid tiegħu, liema Att tat-Twelid iġib in-

[7] Fol. 10.
[8] Fol. 5.
[9] Fol. 12.
[10] Fol. 34.
[11] Fol. 41.
[12] *Ibid.*

numru progressiv 1041 tas-sena 1997, filwaqt li tiddikjara li l-attur għandu jassumi kunjom xbubit ommu, ossija *'E'*.

## 2. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi Artikolu 77 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:

*"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata ul-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel".*

Referenza trid issir għall-Artikolu 70A subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild:*

*(a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild;*
*(b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild;*
*(ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild,*

*li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

## 3. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

Il-fatti saljenti għall-kaz odjern huma s-segwenti:

i. Omm l-attur, D C E, izzewġet lill-konvenut F G H B, nhar il-10 ta' Ottubru 1993;
ii. Wara sentejn mizzewġin u ċjoe' fl-1995, il-partijiet sseparaw *de facto* minn xulxin, u b'hekk bdew jgħixu separati minn xulxin minn kull aspett;
iii. Jirrizulta illi wara li l-partijiet bdew jgħixu indipendentament minn xulxin, il-konvenuta C D E kellha relazzjoni intima ma' persuna mhux magħrufa, u li minn tali relazzjoni twieled l-attur nhar it-18 ta' Jannar 1997;
iv. In vista tal-fatt li l-attur twieled waqt li ommu kienet għadha mizzewġa lill-konvenut F G H B, bil-prezunzjoni maħluqa permezz tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur ġie mnizzel bħala iben ir-raġel ta' ommu u konsegwentament addotta kunjomu, ċjoe' *'B'*;
v. Minkejja dan, kemm l-attur u kif ukoll ommu jikkonfermaw illi l-konvenut F G H B qatt ma kien parti fit-trobbija tal-attur, u *di piu* qatt ma ezerċita s-setgħa tiegħu ta' missier versu l-attur;
vi. B'hekk ġiet intavolata din il-kawza, fejn permezz ta' testijiet xjentifiċi ġie kkonfermat illi l-attur ma huwiex l-iben naturali tal-konvenut F G H B.

It-talba tal-attur hija msejsa fuq Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tagħti lok għal *denegata paternita'*. Filwaqt li l-konvenuta C D E qablet mat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, izda topponi għall-ispejjez tal-kawza, u l-konvenut F G H B jinsab fi stat ta' kontumelja, il-Qorti tara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ssolleva numru ta' eċċezzjonijiet li jridu jiġu trattati.

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li tirrigwarda l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Mall-qari tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, jidher ċar illi dan l-artikolu tal-liġi huwa subordinat għall-Artikolu 81 tal-istess Kodiċi, li jipprovdi:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtu hl-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu".*

F'dan ir-rigward il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal dik il-kazistika relevanti:

i. Fil-kaz bl-ismijiet **Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**,[13] ingħad: *"Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, hadd ma jista' jattaka dan listat a bazi tal-artikolu 77 anke' jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika indikata fl-istess artikolu"*. Barra minn hekk, il-Qorti fl-imsemmija kawza, wara li rat il-provi kollha waslet għall-konkluzjoni illi: *"Illi minn dan kollu jirrizulta li mhux biss it-tifla mertu ta' kontestazzjoni odjerna ghandha stat ta' bint legittima fic-certifikat tat-twelid tieghu izda wkoll kienet dejjem maghrufa bhala bint l-istess konvenut John Mary Ciappara, iggieb bhala l-kunjom taghha dak tal-istess konvenut, li ttrattha bhala bintu u haseb ghall-manteniment u edukazzjoni taghha u sabiex jikkolokha, u ghalhekk l-istess minuri ghandha wkoll il-pussess kontinwu ta' l-istat ta' bint legittima. Dan ma huwa bl-ebda mod ikkontestat mill-attur li jidher invece li qed jipprova jattakka d-disposizzjonijiet tal-artikolu 81 tal-Kap 16, u f'dan ir-rigward jinghad li din il-kawza certament ma hijiex il-forum addatta sabiex dan isir"*;

ii. Fil-kaz fl-ismijiet **Frank Agius et vs Lucy Ann Agius et**,[14] ingħad illi: *"Dan l-Artikolu 80 jghid li l-pussess ta' stat ghandu jigi stabbilit minn "gabra ta' fatti, mehudin flimkien", u l-istess artikolu jelenka, ad exemplum, fatti li ghandhom jigu kkunsidrati."*;

iii. Fil-kaz fl-ismijiet **Chantelle Mallia vs Rita Mallia et**,[15] ingħad illi: *"fil-kawza fl-ismijiet* ***Camilleri v. Fawzy*** *( 31 ta' Jannar 2003, Prim'Awla), intqal illi: "Huwa desumibbli minn dan fuq affermat illi fejn l-att tat-twelid jinsab f'kuntrast mar-realta` tar-rapport ta' filjazzjoni, l-impunjattiva hi ammissibbli. Dan in raguni ta' l-interess pubbliku ghall-iskop tac-certezza ta' l-istat familjari kif ukoll fl-interess tal-minuri stess. Ghalhekk ukoll il-ligi tippreciza li l-azzjoni hi impreskrittibbli (Artikolu 84, Kodici Civili)". F'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi* ***Healey v. Farrugia Vella****, (1 ta' Marzu 2011) u* ***Travers v. Direttur tar-Registru Pubbliku supra****, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Vincenza Muscat v.***

[13] Deċiza mil-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Ġunju 2004 (Rik. Nru. 1937/1999/1), mhux appellata.
[14] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012 (Rik. Nru. 163/2001/1).
[15] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Lulju 2017 (Rik. Nru. 413/2007).

> ***Dottor Raymond Zammit noe** (17 ta' Novembru 2003, Prim'Awla) intqal ukoll li: "Huwa pacifikament ritenut illi tifel jew tifla li jkunu ghadhom ta' eta` minuri jistghu jfittxu paternita` illegittima anke qabel ma r-ragel ta' ommhom ikun ipprivahom mill-paternita` legittima taghhom (**Vol. II p 159; Vol. XXII P I p 177**). Dan "kemm-il darba l-istat taghhom legittimu ma jkunx marbut tant ma' l-att tat-twelid kemm mal-pussess ta' stat legittimu (nomen, tractatus et fama) f'liema kaz l-istat legittimu lanqas ma jkun impunjabbli minnu stess" ("**Gerolama Busuttil nomine –vs- Direttur tar-Registru Pubbliku et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 1977; "**Antonio Scerri Gauci –vs- Dottor Giovanni Scicluna nomine**", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1952); "Invece, kif jinsab ukoll ritenut, fejn ma jikkonkorrux flimkien iz-zewg estremi, jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir bil-mezzi kollha konsentiti mil-ligi permezz ta' provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant (**Vol. XXIV P I p 427; Vol. XXXII P II p 300; Vol. XXXVII P II p 768**);".*

Illi fil-liġi tagħna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, *"mater semper certa est"*, u hekk kif jidher mill-kazistika nostrana il-liġi ċivili Maltija ma tikkonsidrax b'mod leġġer talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieġ. Għaldaqstant, dak li għandha tagħmel il-Qorti huwa li tikkonsidra ġabra ta' fatti mehudin flimkien u tasal għall-konkluzjoni tagħha.

Fil-kaz odjern, l-attur qiegħed jgħid li huwa iben missier mhux magħruf. Mill-provi jirrizuta ċar li omm l-attur ma kellhiex relazzjoni tajba u dejjiema mal-konvenut. Fil-fatt il-Qorti tara illi għalkemm omm l-attur u l-konvenut B izzewġu fl-10 ta' Ottbru 1993, dawn bdew jgħixu separati minn xulxin *de facto* ftit taz-zmien wara, u ċjoe' fl-1995. Dan fil-fatt ġie kkonfermat permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' Awwissu 2014, fejn iz-zewġ partijiet ippremettew taħt ġurament *"illi miz-zwieg taghhom ma kienx hemm ulied"* u *"illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin u cioe' circa dsatax (19)-il sena"*,[16] u kif ukoll permezz tad-digriet dwar id-divorzju tagħhom ta' nhar il-20 ta' Novembru 2014 fejn il-Qorti aċċettat il-verzjoni tagħhom hawn fuq imsemmija.[17] Barra minn hekk, il-konvenuta tikkonferma taħt ġurament illi minn mindu huma sseparaw *de facto* minn xulxin, qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni

[16] Fol. 5, 6.
[17] Fol. 12.

bejniethom. Il-Qorti tara ukoll illi kemm l-attur u kif ukoll ommu jikkonfermaw illi l-konvenut F G H B qatt ma ezerċita poteri ta' ġenitur fil-konfront tal-attur.

In vista tas-suespost il-Qorti ma tarax li ma għandhiex ma temminx il-verzjoni tal-attur u ommu. Id-dokumenti ezebiti jagħtu verzjoni ċara u diretta illi l-pussess ta' stat tal-attur ma jaqbilx ma' dak tal-Att tat-Twelid, hekk kif il-konvenut F G H B qatt ma kien involut fit-trobbija u fl-edukazzjoni tal-attur. Għaldaqstant, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-prezunzjoni legali tal-pussess ta' stat abbazi tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili ġiet megħluba.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ipprezentat u debitament maħluf nhar il-10 ta' Marzu 2021, fejn ikkonfermat illi ħadet kampjun orali ta' C D E, A B u F G H B, fejn irrizulta illi F G H B, detentur tal-karta tal-identita' 440217L, ma huwiex il-missier naturali ta' A B.[18]

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u b'hekk l-attur rnexxielu jipprova li fi zmien bejn it-tlett (300) mitt ġurnata u l-mija u tmenin (180) ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, il-konvenut kien fl-impossibilita' fizika li jgħammar mal-konvenuta, u *di piu'* l-imsemmija konvenuta wettqet adulterju hekk kif ikkonfermat permezz ta' testijiet xjentifiċi. Għaldaqstant, il-Qorti tikkonferma li r-rekwiziti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jezisti l-ebda dubju li l-konvenut F G H B ma huwiex il-missier naturali tal-attur, izda li l-attur huwa iben missier mhux magħruf.

B'referenza għar-raba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-attur, il-Qorti tara illi ġialadarba l-attur stess qiegħed juri x-xewqa li jassumi kunjom ommu xebba, senjatament il-kunjom *'E'*, il-Qorti ma tarax għaliex dan ma għandux isir. Fil-fatt, fiċ-ċirkostanzi huwa idoneju li dan isir għaliex hekk biss l-attur jista' finalment ikollu l-pussess ta' stat tiegħu konformi mal-Att tat-Twelid.

**DEĊIDE:**

---

[18] Fol. 34.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li lkonvenut F G H B ma huwiex il-missier naturali tal-attur;

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba, u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' A B, li jġib in-numru progressiv 1041 tas-sena 1997, u dan billi jiġu kkanċċellati l-konnotati ta' F G H B, filwaqt li jdaħħal il-kliem *'Missier mhux Magħruf'*;

3. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-attur ikun magħruf bil-kunjom *'E'*;

Bl-ispejjez, inkluz tat-test ġenetiku, għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C D E in vista tal-fatt li l-attur huwa prodott ta' relazzjoni intima li hi kellha ma' persuna mhux magħrufa.